# IL-KUSTODJU L-ĠDID TAL-ART IMQADDSA



Ir-Reverendissimu Patri Anġeliku Lazzeri, O.F.M. Kustodju tal-Art Imqaddsa.

Wara li r-Rev.mu Patri Ġaċintu Faccio, O.F.M. għamel sitt snin Kustodju tal-Art Imqaddsa, jiġifieri bħala rajjes tar-Rhieb kollha ta' Ġesù li jinsabu fil-Palestina (Israel u Ġordanja), fis-Surija, f'Libnan u fl-Armenja; f'Ċipru, fit-Turkija u fl-Eġittu, kif inhu d-drawwa, inbidel u sar warajh Kustodju r-Reverendissimu Patri Anġelku Lazzeri, O.F.M., li hu mill-Provinċja tat-Toskana.

Il-Kustodju l-ġdid għandu ħamsin sena, għax twieled fis-7 ta' April ta' l-1906, f'pajjiż jismu Bibbiena, fi djul Ġebel il-Verna fejn San Franġisk ħa l-Pjagi ta' Sidna Ġesù Kristu. Meta kien għadu sabi, daħal Franġiskan u beda jitgħallem fi skola f'pajjiż jismu Ġakkerino, Siena, u fit-8 ta' Lulju 1929 ħa l-quddiesa. Ftit wara bagħtuh Ruma biex jibqa' jitgħallem fil-Kulleġġ li għandhom hemm il-Franġiskani, jismu Kulleġġ Internazzjonali ta' Sant'Antnin. Hemm, fl-1932 laħaq Dottur tat-Teoloġija Dommatka.

Wara għamilha ta' Kappillan għal aktar minn għaxar snin u mbagħad ingħażel b'Majjistru u Lettur tal-klerki Franġiskani, fi Siena. F'dan iż-żmien ukoll għamel xogħlijiet ta' hemma taħt l-amar tal-wisq imsemmi u mfaħħar Patri Agostinu Gemelli, O.F.M. li sejjes l-Università tal-Qalb ta' Ġesù f'Milan. Għal disa' snin dam Definitur tal-Provinċja ta' Siena u fis-sena 1949, wara li ż-żewġ provinċji tat-Toskana ngħaqdu u saru waħda, ingħażel hu bħala l-ewwel Provinċjal tagħha.

Fl-4 ta' Awissu kien magħżul b'Kustodju tal-Art Imqaddsa.

Fis-27 ta' Novembru Patri Lazzeri telaq minn Brindisi lejn il-Palestina u fis-6 ta' Diċembru ħa l-pussess. Fit-8 tax-xahar, jumejn wara, għamel id-Daħla tiegħu fil-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu, Ġerusalem, u fil-11 ta' dak ix-xahar, għamel it-tieni Daħla fil-Bażilka tat-Twelid ta' Bejt-Leħem.